MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 1727/2010

**Vella Falzon Building Supplies Limited C27707**

**vs**

**S.P. Hotel Limited C31181**

**It-Tribunal,**

**Ra** t-TALBA mressqa hekk:

Illi, bejn Mejju u Dicembru 2008, il-kumpanija rikorrenti bieghet u kkonsenjat lill-kumpanija intimata prodotti ghall-uzu gewwa l-istabbiliment taghha f'San Pawl il-Bahar maghruf bhala "San Pawl Hotel".

Illi l-bilanc dovut lill-kumpanija rikorrenti mill-kumpanija intimata ghal dawn il-prodotti jammonta ghal elf, hames mija, tnejn u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€1,582.22c) u dan kif jidher mil-fatturi u *statements of account* relattivi mahruga mill-kumpanija rikorrenti u mibghuta lill-kumpanija intimata.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc dovut, l-kumpanija intimata baqghet inadempjenti.

Illi ghaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti qed titlob il-hlas ta' €1582.22c oltre l-imghax legali kummercjali mill-kumpanija intimata

Bl-ispejjes, ikluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A datata 26 ta' Novembru 2010, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ukoll datat 26 ta' Novembru 2010, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma din it-talba.

Ir-rapprezentanti tal-kumpanija intimata huma ngunti minn issa stess in subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA mfissra hekk:

Illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra taghha stante li l-materjal provdut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta mhux biss ma kienx tal-kwalita' pattwita izda lanqas ma kien ta' kwalita tajba billi fih difetti serji kif jista jigi konstatat minn ezami tal-istess prodott li jinsab imwahhal fil-lukanda tas-socjeta' intimata.

**Ra** li s-socjeta' intimata mhiex qed tichad il-bilanc mitlub *ut sic* izda qed tghid li m'ghandhiex thallsu ghax il-materjal provdut kien mhux kif miftiehem u dana kif minnha mfisser.

**<u>PROVI</u>**

A1 <u>Alex Vella Falzon</u> qal li l-ammont mitlub jirrigwarda madum u accessorji fil-kmamar tal-banju fis-San Pawl Hotel, San Pawl il-Bahar – fornituri li bdew minn Mejju 2008 sa Dicembru 2008. Suppost li kellu jsir hlas *cash*, li ma sarx u b'danakollu issoktaw bil-fornituri. Hu kien tkellem ma Frans Spiteri.

2 Meta x-xhud talab il-hlas, Frans Spiteri lminta li l-kwalita' ma kienetx tajba u l-bilanc mitlub jirraprezenta madum. Spiteri ried l-irhas madum li setghu ifornu. "Qatt ma sar diskors dwar il-kwalita u jinteressah kien biss il-prezz". Il-madum kien rah qabel inxtara u **ha kampjuni** (enfasi tat-TRIBUNAL).

3 Ix-xhud kien tah diversi *samples* u Spiteri ghazel. Kien dak ta' LM1.95 jew €4.75 il-metru. Meterjal li kien *in stock*.

4 Bhala Dok VFBS1 sa 4, huma esebiti ittri, bid-Dok VFBS4 ikun *statement of account*. Is-socjeta' intimata kienet wiegbet, Dok VFBS3 biex tikkontesta l-ittra ufficjali tas-socjeta' rikorrenti ai termini tal-art 166A tal-Kap 12, Dok VFBS2

B1 Frans Spiteri, direttur tas-socjeta' intimata qal li hu kien jahdem fil-madum u kien jifhem f'dan. Meta kkuntattja lil Alex Vella Falzon qallu li ried madum tajjeb ghal lukanda. Attwalment hu kien jahdem fil-madum kif kien isir qabel u fil-madum tal-lum ma jifhimx.

2 Kien mar ra hazna ta' madum kollu fuq pallets u nghatalu *sample* li hu wera lit-tfal u nghogob. Wasal l-ewwel lot ghax huma ma setghux jaqilghu kollox f'daqqa. Min kien qed jiccangja qallu li l-maduma ma kienx qed ihossha b'sahhitha. Qal b'dan lil Alex Vella Falzon li minn naha tieghu qallu li kollox kien sew. Meta tlestew xi kmamar, wara l-hasil bdew jidhru xi tbajja. Eventwalment Vella Falzon kien mar u kien insista li l-madum kien sew.

3 In kontro-ezami ikkonferma li Vella Falzon kien tah diversi kampjuni. Cahad li hu ghazel ta' l-irhas prezz; kien talab kwalita' tajba u prezz tajjeb. Cahad li Alex Vella Falzon kien qallu li tal-prezz li ried ihallas ma setax jiehu materja prima. It-tbajja hargu wara li l-madum gie mahsul.

4 Ix-xhud spicca jghid li l-madum ghadu fil-post u l-kmamar kienu ghadhom qed jintuzaw. Dana meta kien qed jixhed fl-udjenza ta' l-24 ta' Mejju 2011 (enfasi tat-TRIBUNAL).

5 Spicca jesibixxi ittra, datata 02.10.08 tas-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti li fiha hemm ilment fuq difetti u titlob "these tiles have to be changed immediately as they are not presentable to our guests and visitors" u talbu bdil tal-materja.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL jikkonsidra kif gej:-

1. Qed nitkellmu minn madum li beda jigi imqieghed ghall-habta ta' Mejju tas-sena 2008. F'Ottubru 2008 is-socjeta' intimata lmentat mas-socjeta' rikorrenti dwar il-kwalita' tal-materjal provdut mis-socjeta' rikorrenti u li tqieghed fil-post mis-socjeta' intimata. Is-socjeta' rikorrenti baghtet ittra interpellatoria ghal-hlas datata 23.11.2009 u ittra ufficjali esekutiva, ai termini tal-art 166A tal-Kap 12 datata 26.11.2009. Din giet kontestata, minn naha tas-socjeta' intimata b'Nota prezentata fil-Qorti fit-3.12.2009. Is-socjeta' intimata waqfet hawn u fit-23.12.2010 (sena wara!) tressaq l-AVVIZ prezenti. Sa ma xehed Frans Spiteri ghas-socjeta' intimata fl-udjenza tal-24.05.2010 (*a fol 30 et seq* tal-process) il-madum kien ghadu mwahhal fil-post u l-kmamar tal-banju in kwistjoni kienu qed jintuzaw regolarment.

2. Mela hawn ghandna li, ghall-perijodu Jannar 2009 – Mejju 2011, **sentejn u 4 xhur**, is-socjeta' intimata baqghet tibbenefika minn dak il-madum (ma nafux x'sar minn Mejju 2011 'l hawn!) u issa qed topponi t-talba attrici ghall-hlas tal-bilanc mitlub billi tintrinceja ruhha wara l-eccezzjoni li dak il-madum ma kienx ta' kwalita tajba.

3. Dan ifisser li s-socjeta' intimata qed tippretendi li, wara li gawdiet l-uzu tal-madum ghal daz-zmien kollu (ma nafux x'inhi l-pozizzjoni llum) u ma hadet ebda inizjattiva minn naha taghha ghal xi dritt minnha pretiz issa tippretendi li ma thallas xejn. Dana meta s-socjeta' intimata kieku emmnet tassew u riedet tfittex drittijietha kellha miftuha ghaliha t-triq tal-*actio aestimatoria* u l-*actio redhibitorja*.

4. Fil-preponderanza taghha, il-gurisprudenza f'kazi bhal dawn hi li min jallega li l-oggett konsenjat lilu ma jkunx tal-kwalita' pattwita ghandu, tassativament jew jirrikorri ghal azzjoni *ad hoc* fit-terminu moghti mil-ligi jew jirritorna l-oggett u jekk il-bejjiegh ma jkunx iridu lura, jiddepozitah il-Qorti – dejjem naturalment skond ic-cirkostanzi partikulari tal-kaz. Fin-nuqqas, ix-xerrej ma jistax jopponi talba ghall-hlas. Ara App Civ 1231/1996/PS Apex Interiors Ltd vs Martin Camilleri, dec 20.10.2004 u l-gurisprudenza hemm citata.

5. It-TRIBUNAL hu hawnhekk anke gwidat minn principji ta' ekwita' kif ghandu statutorjament iqis skond il-ligi.

**DECIZJONI**

It-TRIBUNAL, wara li qies dak kollu mfisser u kunsidrat *supra*, wara li ha in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tad-difensuri li sabhom ta' ghajnuna, jghaddi biex jiddeciedi billi **jichad** l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata u **jilqa** t-talba tas-socjeta' rikorrenti u jghaddi biex **jikkundanna** lis-socjeta' intimata biex thallas lis-socjeta' rikorrenti il-*quantum* mitlub ta' elf, hames mija, tnejn u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€1,582.22c) **bl-imghax** mit-3 ta' Dicembru 2010 (data tan-NOTA tas-socjeta' intimata li biha kkontestat l-ittra ufficjali ai termini tal-Art 166A tal-Kap 12 imressqa mis-socjeta' rikorrenti) sal-jum tal-pagament effettiv. L-ispejjes ta' dina l-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------